**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta tad-Distrett Sliema**

**Illum, 18 ta' Diċembru 2024**

**Każ Numru: 7278/2023**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Daren Emanuel Agius**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 16871M)
**u Ivan Agius**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 332673M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputati, Daren Emanuel Agius, imwieled il-Pieta' fit-23 ta' Diċembru 1970, iben Emanuel Agius u Ludgarda Agius nee Demanuele, residenti 12, Blk A, Fl 2, Triq Il-Pellegrinagg, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16871M, u Ivan Agius, imwieled il-Pieta' fil-21 ta' Lulju 1973 il-Pieta', iben Emanuel Agius u Riccarda Agius nee Demanuele, residenti 12, Blk A, Fl 2, Triq Il-Pellegrinagg, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 332673M, fejn ġew akkużati talli nhar il-05 ta' Lulju 2024 għall-ħabta ta' 11:30hrs ġewwa The Strand, Sliema (Sliema Ferries):

1. Għamiltu inġurji jew theddid lil, Clive Butler, Glenn Micallef u Brandon Micallef jew jekk kontu ipprovokati, inġurjajtu b'mod li joħroġ mil-limiti tal-provokazzjoni. Art 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.
2. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art 338(dd) tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti ġiet mitluba, sabiex f'każ ta' ħtija minbarra l-pieni li jidrilha xierqa, tipprovdi għas-sigurtà ta' Clive Butler, Glenn Micallef u Brandon Micallef.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2024, wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament, l-imputati wieġbu mhux ħatja.

Rat li waqt l-istess seduta, il-partijiet qablu li l-provi li kienu se jinġiebu f'din il-kawża jkunu jgħoddu ukoll għal kawża fuq il-lista ta' din il-Qorti tal-lum bejn l-istess partijiet, fi rwol invers, kawża bin-numru 7277/2024.

Rat li waqt l-istess seduta, kemm l-Uffiċjal Prosekutur kif ukoll id-difiża ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Semgħat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ jitratta argument li nqala fix-xatt Tas-Sliema bejn l-imputati li huma barklori u l-Kaptan tal-katamaran li dak il-ħin tal-inċident kien qed jiġi operat mill-Valletta Ferry Services flimkien ma żewġ impjegati oħra. L-inċident seħħ fil-preżenza ta' Uffiċjal ta' Transport Malta addett mas-sezzjoni tal-infurzar marittimu.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *'Għamilt inġurji jew theddid lil, Ivan Agius u Daren Emanuel Agius jew jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li joħroġ mil-limiti tal-provokazzjoni. Art 339(1)(e) tal-Kapitolu 9.*

Il-Qorti semgħet diversi xhieda f'dan il-każ miġjuba kemm mil-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża fosthom lill-imputati Ivan Agius u Daren Emanuel Agius stess kif ukoll lill partijiet lesi Glenn Micallef u Brandon Micallef li huma impjegati mill-Valletta Ferry Services u addetti mit-ticketing, kif ukoll lill uffiċjal ta' transport Malta bin-numru 356 Matthew Vella. Il-Qorti tibda billi tindika li x-xhieda ta' dan tal-aħħar kienet waħda xotta, fejn il-Qorti dehrilha li dan ix-xhud kien qed iħalli dettalji barra, tant hu hekk li l-Qorti widdbitu u saħansitra kellha tissospendi x-xhieda tiegħu peress li ordnat id-detenzjoni tiegħu bil-għan li huwa jifhem ir-responsabbiltajiet li għandu kemm bħala xhud fi proċeduri fil-Qorti, kif ukoll bħala Uffiċjal ta' Transport Malta. Biss dan kien kollu għalxejn għax mix-xhieda tiegħu li kompliet tinstema ftit aktar tard, huwa deher li ma kienx qed jgħid il-verità kollha. Il-Qorti għaldaqstant se tqis ix-xhieda tiegħu fl-isfond ta' dak li qed jingħad.

L-uffiċjal ta' Transport Malta li jgħid li Ivan Agius li huwa għaraf fl-awla, filgħodu f'xi 9:30am kien qiegħed jarma t-tabelli, u hu qallu biex jarmhom in-naħa l-oħra biex ma jinqalax inkwiet. Skont l-uffiċjal ta' Transport Malta imbagħad l-inċident inqala f'xi l-11.30am, u waqt l-imsemmi nċident Ivan Agius qal lill Clive Butler u l-kumplament *"kieku mhux qiegħed bi probation inxoqqok".* L-imputat Ivan Agius isostni pero li dan kollu ġara wara l-ewwel vjaġġ tiegħu u lill ta' Transport Malta kien għadu ma kellmux dak inhar.

Il-verżjoni ta' l-uffiċjal ta' Transport Malta hija kkoroborata bix-xhieda ta' Glenn Micallef li jgħid li kien hemm argument bejn Daren Emanuel Agius u l-uffiċjal ta' Transport Malta dwar xi tabelli, iżda mhux kif isostni l-uffiċjal ta' Transport Malta bejnu u Ivan Agius. Imbagħad aktar tard ra lill Daren Emanuel Agius jipponta subajħ ma wiċċ Brandon Micallef, u jallega li huwa kien ħa xi tabelli. L-istess isostni Brandon Micallef li jikkonferma li l-argument bdiegħ Daren Emanuel Agius, l-ewwel ma l-uffiċjal ta' Transport Malta imbagħad miegħu. Kien hawn fil-fatt li Glenn Micallef resaq lejn Daren Emanuel Agius peress li huwa ħuh. Ix-xhud Glenn Micallef jallega li kien hemm ukoll tas-Supreme Travel li bdew jistiednu lill Daren biex imur l-hemm.

Isostni li Ivan Agius qal lilu, lill Brandon Micallef u lill Clive Butler *"li kieku mhux għal probation noftoqkom minn nofs"* u aktar tard *"jien għax għandi probation għax kieku noftoqkom it-tleita"*. Glenn Micallef jikkonferma li sar dan it-tip ta' theddid minn Ivan Agius.

L-uffiċjal ta' transport Malta kkonferma li kien hemm it-tgħajjir u l-offiżi kemm mill imputati kif ukoll mill-crew, li identifika bħala Clive Butler, u x-xhieda li kienu barra fil-kurutur, jiġifieri Glenn u Brandon Micallef, kontra Ivan Agius u Daren Emanuel Agius, iżda ma ftakarx x'kien il-kliem eżatt. Jgħid li l-kliem kien kollu ġo xulxin. Glenn Micallef u Brandon Micallef jikkonfermaw li kien hemm tgħajjir bejnhom u bejn Ivan Agius.

L-uffiċjal ta' Transport Malta mistoqsi jgħid għala m'għamilx rapport dwar dak li lmenta miegħu Ivan Agius, u għala bagħtu jkellem l-uffiċjal l-ieħor li kien in-naħa l-oħra tax-xatt fil-belt Valletta peress li jgħid li hu ma kien ra xejn. L-uffiċjal jgħid li ma vverifikax fil-cameras li hemm stallati dwar x'ġara.

L-uffiċjal ta' Transport Malta jsostni li ma jiftakarx li sema lill-Clive Butler joffendi lill Ivan Agius u Daren Emanuel Agius bil-familja, li għajru bil-kliem l-oħra li nstemgħu fil-filmat. Ikkonferma pero li ra lill-Daren Emanuel Agius jiġbed il-filmat bil-mobajl u li Clive Butler waqqalu l-mobajl mal-art.

Glenn Micallef u Brandon Micallef isostnu ukoll li semaw lill Ivan Agius jinsulenta u jgħajjat lill Clive Butler "*barri kollok"* u sabiex isuq bilmod għax kien se jaqilbu. Jgħid li għal dan Clive Butler irrisponda li kien qed isuq sew, u stiednu jirrappurtaħ lill ta' Transport Malta jekk deherlu xi ħaġa. Brandon Micallef ikkonferma ukoll li sema lill Clive Butler jgħid lill Daren Emanuel Agius biex ma jirrekordjax minħabba data protection għal darbtejn tlieta, imbagħad peress li Darren kellu l-mobajl kważi ma wiċċu, imbottalu idejħ u Daren waqalu l-mobajl. Brandon jikkonferma li kien hemm l-għajjat.

L-imputat Daren Emanuel Agius, jesebixxi filmat li jitfa dawl fuq dak li ġara fl-aħħar parti tal-argument. Fix-xhieda tiegħu isostni li l-inċident in-kwistjoni ġara fis-sajf ta' din is-sena. Huwa għamel referenza għal mobajl tiegħu li ġie ppreżentat animo ritirandi

minn fejn minn filmat li huwa kien ġibed sostna li l-inċident kien seħħ preċiżament fil-5 ta’ Lulju 2024 fil-11:42am. Dan ivverifikatu l-Qorti. L-imputat Ivan Agius jikkonferma li dakinhar hu kien hemmhekk għax-xogħol bħala balklor bid-dgħajsa Maltija. Glenn Micallef u Brandon Micallef waqt ix-xhieda tagħhom ukoll jikkonfermaw li l-inċident inqala fil-5 ta’ Lulju 2024 fil-11.30am f’ tas-Sliema mal-moll il-ġdid. Dawn ikkonfermaw ukoll li fuq il-post kien hemm Ivan Agius u Daren Emanuel Agius. Il-Qorti għaldaqstant ma għandiex dubbju li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova kemm il-lok u l-ħin tal-inċident.

L-imputat Daren Emanuel Agius sostna li ħuh, Ivan Agius, kien mar ikellem lill-uffiċjal ta' Transport Malta tal-infurzar rigward il-fatt li l-ferry kienet qed iddum ma titlaq u tgħaddi bis-saħħa minn mad-dgħajsa u bil-mewġ tkun se taqliba. Huwa jsostni li l-Uffiċjal ma irreaġixxiet għal dan l-ilment. L-imputat Ivan Agius iżid jgħid li dan l-Uffiċjal dakinhar kien bl-uniformi u li dan l-Uffiċjal kien jgħarrfu minn wiċċu peress li kien ikellmu ta’ spiss. Ivan Agius isostni li huwa qal lill-uffiċjal li Butler kien għadda minn miegħu bil-ferry biex jipprova jaqilbu.

L-imputati stqarrew li f’dan il-ħin niżlu mil-ferry l-Kaptan Butler flimkien ma tlett persuni oħra u bdew joffenduhom. Daren Emanuel Agius jgħid li Ivan Agius qallu biex jiġbed il-filmat ħalli jkollhom l-evidenza. Isostni li hekk għamel, u f'temp qasir ta' ftit sekondi Clive Butler ħataflu il-mobajl minn idu u sabbatulu ma' l-art. Irriżulta li l-mobajl baqa' jirrekordja u il-kliem baqa' jinstema fil-filmat iżda dan ma baqax jiġbed stampa. Sostna li huwa qal lil ta' transport Malta *“qed tara quddiemek agredieni”* u għal dan l-uffiċjali ta' Transport Malta irrispondih *“jiena ma rajt xejn”*. Sostna li mbagħad huwa ġabar il-mobile, u baqa' sejjer bil-mixi l-għassa jagħmel rapport.

Ivan Agius isostni li Clive Butler qallu li huma mhux suppost kienu qed jaħdmu hemm, u jżid jgħid ukoll li huma kienu qed jaħdmu bi protesta paċifika. Spjega li hemm proċeduri ċivili pendenti dwar dan. Sostna li l-avukat tiegħu f’dawk il-proċeduri kienet wissietu biex ma jaqax għal provokazzjoni. Jsostni li mhux l-ewwel darba li ġie pprovokat, u li kienu ilhom jgħajjruh. Ivan Agius isostni li Clive Butler u l-crew ħadulu l-mobajl minn idejn ħuh, sabbtulu l-mobajl, u komplew jgħajjruh, jinsulentawh u jipprovokawh. Hu jsostni li ma waqax għal provokazzjoni, u qal lill ħuh Daren Emanuel Agius biex imorru l-għassa u jagħmlu rapport. Isostni li bagħat lill-ħuh jagħmel rapport

għax hu ma setgħax iħalli d-dgħajsa weħedha. Isemmi li hemm cameras ma kullimkien, u talab il-filmati iżda sal-llum dawn ma waslux.

Mil-filmat li nħareġ mill-mobajl tal-imputat Daren Emanuel Agius, il-Qorti kkonstatat li kien hemm argument sħun fejn fost kommossjoni jinstema għajjat u nstemgħu il-kliem li skont Daren Emanuel Agius jgħajduhom in-nies kif jidhru hawn taħt:

*Clive Butler:* *mhux suppost tiġbed il-video*

*Ivan Agius:* *mhux hekk*

*Clive Butler:* *għedtlek mhux suppost tiġbed il-video*

*Ivan Agius:* *qed tara x'inhu ġej hux, imxi l-hawn Daren,*

*Clive Butler:* *għedtlek mhux suppost tiġbed il-video*

*Ivan Agius:* *mur irrapporta l-għassa*

*Clive Butler:* *ala bieb żobbi minnek u minn għaxra oħra*

*Ivan Agius:* *qed tara x'inhu ġej*

*Clive Butler:* *u mur ħuduh foxx kemm għandkom, foxx il-familja tagħkom, all right, kollha l-intkom*

*Ivan Agius:* *qed tara x'inhu ġej hux, qed tara x'inhu ġej hux*

*Clive Butler:* *mhux suppost tiġbed il-video ħabba d-data protection, pufta u kummudjant*

*Ivan Agius:* *grazzi, grazzi, hekk aħna, hekk aħna*

*Persuna:* *aħseb u ara inti*

*Clive Butler:* *pulċinell, qiegħed għal ħamsa u għoxrin mija tlett elef paga hawn jien*

*Ivan Agius:* *aħjar għalik*

L-imputat Daren Emanuel Agius isostni li l-Clive Butler u l-persuni l-oħra kienu avviċinaw lill-ħuh biex jipprovokawh, u dana peress li kien hemm inċident ieħor li ġara il-ġurnata ta' qabel ma tal-ferry pero mhux ma l-istess nies. Daren Emanuel Agius jgħid li hu ma qalilhom xejn, u jsostni wkoll li huwa waqt dan l-inċident ħassu imbarazzat u imbeżża u fil-fatt ma reġax resaq l-hemm.

Mix-xhieda li semgħet il-Qorti, jirriżulta b'mod ċar illi l-imputati bl-aġir tagħhom inġurjaw u ipprovokaw lill Brandon Micallef u lill Clive Butler. Għalhekk peress li tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni sal grad rikjest mil-liġi, sejra issib lill imputati ħatja tagħha.

3. **It-tieni mputazzjoni:** *'Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art 338(dd) tal-Kapitolu 9.'*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat taħt l-artiklu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Buttigieg**, ingħad is-segwenti:

> *"It-tieni akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Rocco D' Alessandro, sabiex tinstab ħtija taħt din il-kontravvenzjoni huwa fundamentali li "jkun hemm* ***għemil volontarju*** *li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel* ***imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`****, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

Illi mill-provi jirriżulta li l-imputati aġixxew f'post pubbliku b'mod li minn tal-anqas Brandon Micallef ħassu mbezza u nsulentat, filwaqt li Clive Butler irreaġixxa biex jiddefendi ruħu b'dak li kien qiegħed jingħad u jiġri.

Din il-Qorti ssostni li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp penali u ċioé dak ta' mingħajr l-ebda dubju dettat mir-raġuni li l-imputati kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika. Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

## C. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd), u 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputati Daren Emanuel Agius, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16871M, u Ivan Agius, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 332673M, ħatja tal-imputazzjonijiet kollha, u bl-applikazzjoni tal artikolu 383(1) minnflok il-

piena tordna li l-imputati Daren Emanuel Agius, u Ivan Agius, jintrabtu b'obbligazzjoni tagħhom innfushom għal żmien sena mil-lum taħt penali ta' elf ewro (€1,000) biex iżomm il-kwiet ma' Glenn Micallef, Brandon Micallef u Clive Butler.

Apparti dan wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Glenn Micallef, Brandon Micallef u Clive Butler qiegħda toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum kontra l-imputati fil konfront ta' Glenn Micallef, Brandon Micallef u Clive Butler.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**